MT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 12.5.2010
KUMM(2010) 250 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

It-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

It-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika

"Il-governanza taż-żona tal-euro u l-koordinazzjoni tal-politika fiskali għandha titjieb. Dan se jinvolvi arranġamenti ta' sorveljanza ekonomika iktar fondi u wesgħin biex jiggwidaw il-politika fiskali matul iċ-ċiklu u fuq terminu twil ta' żmien u, fl-istess ħin, jindirizzaw id-diverġenzi fit-tkabbir, fl-inflazzjoni u fil-kompetittività. " (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "EMU@10: suċċessi u sfidi wara 10 snin ta' Unjoni Ekonomika u Monetarja" — is-7 ta' Mejju 2008 - IP/08/716)

I. INTRODUZZJONI

Il-kriżi ekonomika globali sfidat il-mekkaniżmi attwali ta' koordinazzjoni ta' politika ekonomika fl-Unjoni Ewropea u żvelat id-dgħufijiet. Il-funzjonament tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja kien taħt tensjoni partikolari, minħabba li qabel kien hemm nuqqasijiet ta' konformità mar-regoli u l-prinċipji sottostanti. Il-proċeduri eżistenti ta' sorveljanza ma kinux komprensivi biżżejjed. Il-Komunikazzjoni tipproponi miżuri li għandhom jittieħdu fuq terminu qasir ta' żmien abbażi tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni.

Il-kriżi ekonomika riċenti ma għandha l-ebda preċedent fil-ġenerazzjoni tagħna. Iż-żidiet kostanti fit-tkabbir ekonomiku u fil-ħolqien tal-impjiegi li nkisbu f'dawn l-aħħar għaxar snin sfaw kollha fix-xejn u l-kriżi ħarġet fid-dieher xi dgħufijiet fundamentali tal-ekonomija tagħna. L-iżbilanċi fiskali u oħrajn makroekonomiċi li ġew akkumulati fis-snin qabel il-kriżi għamlu l-ekonomija tal-UE vulnerabbli meta bdew il-kriżi finanzjarja globali u t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Il-finanzi pubbliċi tagħna ġew affettwati b'mod sever, b'deficits ta' 7 % tal-PGD bħala medja u livelli ta' dejn 'il fuq minn 80 % tal-PGD, ogħla ferm mill-valuri ta' referenza ta' 3 % u 60 % tal-PGD stipulati fit-Trattat.

Livelli għoljin ta' dejn pubbliku ma jistgħux jiġu sostnuti indefinittavament. L-attività tal-Istrateġija tal-Ewropa 2020, li kien hemm qbil dwarha fil-Kunsill Ewropew f'Marzu, trid tkun ibbażata fuq strateġija ta' ħruġ kredibbli. L-UE se tiffaċċja sfidi kbar fis-snin li ġejjin – il-ħtieġa għal konsolidazzjoni fiskali u, fl-istess ħin, il-ħtieġa li tingħata spinta lil-livelli ta' tkabbir sostenibbli. Il-Patt ta' Tkabbir u Stabbiltà jipprovdi l-qafas xieraq għal ħruġ ordnat mill-kriżi. Iżda biex issostni l-potenzjal tat-tkabbir ekonomiku tal-UE u s-sostenibbiltà tal-mudelli soċjali tagħna, il-konsolidazzjoni tal-finanzi pubbliċi teħtieġ l-iffissar ta' prioritajiet u t-teħid ta' deċiżjonijiet ibsin: il-koordinazzjoni fil-livell tal-UE se tkun kruċjali f'dan il-kompitu u se tgħin biex jiġu indirizzati l-effetti negattivi.

Il-kriżi finanzjarja reċenti u l-pressjoni fuq l-istabbilità finanzjarja fl-Ewropa enfasizzaw aktar minn qatt qabel l-interdipendenza tal-ekonomiji tal-UE, b'mod partikolari fiż-żona tal-euro. L-Istati Membri ġew sostnuti billi jagħmlu parti mill-UE, bis-suq intern b'saħħtu tagħha ta' 500 miljun ruħ u l-munita komuni għal sittax-il Stat Membru. L-istrumenti u l-metodi eżistenti ta' koordinazzjoni taw is-setgħa lill-UE biex tgħaqqad l-isforzi ta' rkupru tagħha u biex tegħleb id-diffikultajiet ta' kriżi li l-ebda Stat Membru ma seta' jegħleb waħdu. Madankollu, l-esperjenzi reċenti wrew ukoll nuqqasijiet u dgħufijiet fis-sistema attwali, billi enfasizzaw il-ħtieġa għal koordinazzjoni tal-politika aktar b'saħħitha u

aktar bikrija, mekkaniżmi addizzjonali ta' prevenzjoni u korrezzjoni u faċilità għar-riżoluzzjoni tal-kriżijiet għall-Istati Membri taż-żona tal-euro.

Ittieħdet azzjoni urġenti biex tittratta l-ħtiġijiet immedjati tal-kriżi u din laħqet il-quċċata fid-9 ta' Mejju meta l-Kunsill straordinarju tal-Ecofin iddeċieda, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni, dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni u qabel dwar impenn b'saħħtu biex jaċċelera l-konsolidazzjoni fiskali meta din tkun ġustifikata. Għandhom jittieħdu lezzjonijiet u passi biex tissaħħaħ is-sistema tal-UE ta' governanza ekonomika għall-futur. Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tistipula metodu ta' tliet pilastri għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Ħafna mill-proposti jikkonċernaw lill-UE kollha, iżda ġie propost metodu aktar impenjattiv għaż-żona tal-euro, ibbażat fuq l-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-Komunikazzjoni tisħaq biex isir użu sħiħ mill-istrumenti ta' sorveljanza disponibbli skont it-Trattat. Fejn meħtieġ, l-istrumenti eżistenti għandhom ikunu modifikati u kkumplimentati. Il-Komunikazzjoni sejħet għal tisħiħ tal-konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u estensjoni tas-sorveljanza għall-iżbilanċi makroekonomiċi. Biex isir dan, din tipproponi twaqqif ta' Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, sabiex l-Istati Membri jibbenefikaw minn koordinazzjoni bikrija f'livell Ewropew huma u jħejju l-programmi tagħhom ta' stabbiltà u konverġenza inklużi l-baġits nazzjonali u l-programmi ta' riforma nazzjonali tagħhom. Finalment, din tistipula l-prinċipji li għandhom isostnu qafas robust għall-ġestjoni tal-kriżijiet għall-Istati Membri taż-żona tal-euro.

Dawn huma ideat ambizzjużi u neċessarji li dwarhom il-Kummissjoni qed tfittex l-opinjonijiet tal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-partijiet interessati. Fix-xhur li ġejjin il-Kummissjoni se tressaq proposti leġiżlattivi biex timplimenta dawn l-ideat.

II. II. Il-kriżi finanzjarja globali ħarġet fid-dieher u amplifikat l-isfidi li qed taffaċċja l-ekonomija Ewropea

Id-dejn pubbliku ma tnaqqasx biżżejjed matul l-aħħar għaxar snin. Ma kienx hemm biżżejjed impenn għall-konsolidazzjoni fiskali, b'mod partikolari matul żmien tajjeb fl-ekonomija. F'uħud mill-Istati Membri, id-dħul kien ingħata spinta temporanja minn attività ta' taxxa għolja, immexxija minn żieda qawwija mhux sostenibbli fin-negozju tal-proprjetà, il-kostruzzjoni u s-servizzi finanzjarji. Il-korrezzjoni f'daqqa ta' dawn l-iżbilanċi makrofinanzjarji minħabba tal-kriżi wasslet biex id-dħul mit-taxxi fl-Istati Membri kkonċernati ċeda. Dan żvela pożizzjoni finanzjarja fundamentali ħafna aktar dgħajfa milli kien antiċipat. Il-baġits tal-gvern fl-Unjoni Ewropea marru minn qrib il-bilanċ (-0.8 % tal-PGD fl-UE u -0.6 % fiż-żona tal-Euro) fl-2007 għal defiċit li fl-2010 mistenni jkun qrib is-7 % tal-PGD . Id-dejn pubbliku għadu jiżdied. Skont l-aħħar tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni, id-dejn pubbliku se jilħaq l-84 % tal-PGD fl-2011 (88 % fiż-żona tal-Euro), li jġib fix-xejn ir-riżultati ta' għoxrin sena ta' konsolidazzjoni. Responsabbiltajiet kontinġenti mdaqqsa marbuta ma' salvataġġi finanzjarji, li jirrappreżentaw 25 punt perċentwali tal-PGD oħra fl-UE, jippreżentaw sors addizzjonali ta' tħassib, li jżid mal-isfidi fiskali li ilhom marbuta mat-tixjiħ.

Nuqqas ta' bilanċi makroekonomiċi u finanzjarji oħra aggravaw il-vulnerabbiltà tal-ekonomija taż-żona tal-euro b'mod partikolari. Diverġenzi kompetittivi persistenti u żbilanċi makroekonomiċi fiż-żona tal-euro joħolqu riskju għall-funzjonament tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Fis-snin ta' qabel il-kriżi, spejjeż ta' finanzjament baxxi żiedu l-

allokazzjoni ħażina ta' riżorsi għal użi li spiss kellhom produttività baxxa, u dan wassal għal livelli ta' konsum mhux sostenibbli, żieda qawwija fil-prezzijiet tal-proprjetà immobbli u l-akkumulazzjoni ta' dejn estern u intern f'uħud mill-Istati Membri. Id-distakk fil-kompetittività laħaq l-ogħla livell eżatt qabel il-kriżi. Mill-pożizzjoni bbilanċjata fl-1999, il-bilanċi pożittivi tal-kontijiet kurrenti fiż-żona tal-euro akkumulaw b'mod konsistenti u laħqu s-7,7 % tal-PGD fl-2007, filwaqt li d-deficits aggregati telgħu minn 3,5 % tal-PGD fl-1999 sa 9,7 % fl-2007[1]. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja ħolqot bilanċ parzjali mill-ġdid ta' kontijiet kurrenti. Iżda dan il-bilanċ mill-ġdid huwa biss parzjalment strutturali. Jeħtieġ orjentazzjoni maġġuri mill-ġdid tal-politika biex ġġib l-aġġustament neċessarju f'termini ta' spejjeż u pagi, riforma strutturali u allokazzjoni mill-ġdid tal-impjiegi u tal-kapital.

Il-kombinazzjoni eċċezzjonali fil-Greċja ta' politika fiskali laxka, reazzjoni inadegwata għal żbilanċi dejjem jiżdiedu, dgħufijiet strutturali u nuqqas ta' rappurtar statistiku wasslet għal kriżi tad-dejn pubbliku mingħajr preċedent. Is-sitwazzjoni sottostanti tal-finanzi pubbliċi inkixfet brutalment li kienet parzjalment minħabba rappurtar ħażin ta' dejta fil-passat, iżda filfatt kienet prinċipalment ir-riżultat ta' politika fiskali mhux xierqa. Filwaqt li din is-sitwazzjoni kienet parzjalment riżultat tan-nuqqasijiet fil-qafas eżistenti ta' sorveljanza ekonomika, tenfasizza b'mod ċar l-importanza vitali tal-assigurazzjoni tal-konformità effettiva mar-regoli. Meta ġew ikkonfrontati minn kriżi eċċezzjonali ta' dejn pubbliku, li għaliha ż-żona tal-euro tħalliet mingħajr ebda strument ta' rimedju, l-Istati Membri qablu dwar pakkett ta' miżuri biex jippreservaw l-istabbiltà finanzjarja fl-Ewropa[2]. Din il-Komunikazzjoni hi maħsuba biex isaħħaħ bil-qawwa l-mekkaniżmu tagħna ta' sorveljanza sabiex tevita li Stat Membru jerġa' jsib ruħu f'sitwazzjoni bħal din. Iżda l-kriżi tefgħet dawl ukoll fuq il-ħtieġa għal għodod xierqa biex jimmaniġġjaw sitwazzjoni li thedded l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro.

III. IT-TISĦIĦ TAL-KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA EKONOMIKA

III.1. Tisħiħ ta' konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u koordinazzjoni aktar profonda tal-politika fiskali

Ir-regoli u l-prinċipji tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huma rilevanti u validi. Iżda, minkejja l-Patt, l-Istati Membri naqsu milli jibnu marġni adegwat fi żminijiet tajbin. It-tisħiħ tad-dimensjoni preventiva ta' sorveljanza baġitarja għandu jkun parti integrali mill-koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politika fiskali. Il-konformità mar-regoli jeħtieġ li titjieb ukoll u għandha tingħata aktar attenzjoni lis-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

It-tħejjija u l-valutazzjoni ta' Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza jifformaw il-qalba tax-xogħol preventiv skont il-Patt. L-impatt u l-effettività tiegħu għandhom jissaħħu b'mod deċiżiv bit-tkabbir tad-dimensjoni *ex-ante* tal-proċess, u billi tingħata s-saħħa. Dik ta' qabel hi indirizzata hawn taħt (fit-Taqsima III.3) permezz tal-introduzzjoni ta' "Semestru Ewropew". Dik tal-aħħar tista' ssir, pereżempju, billi tiġi inkluża l-possibbiltà li jiġu imposti depożiti bl-imgħax fil-każ ta' politika fiskali mhux adegwata meta l-Istati Membri jagħmlu progress insuffiċjenti lejn l-Objettivi tagħhom fuq Terminu Medju fi żminijiet ekonomiċi tajbin. Dan ikun jeħtieġ bidla fil-leġiżlazzjoni sekondarja.

---

[1] Il-proporzjonijiet ta' bilanċi pożittivi tal-kont kurrenti rrappurtati hawn jirriflettu l-bilanċi pożittivi kombinati tal-Ġermanja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija u l-Finlandja. Il-proporzjonijiet tad-deficit tal-kont kurrenti jirriflettu d-deficits kombinati tal-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Ċipru, u l-Portugall.

[2] Konklużjonijiet tal-Kunsill tal Ecofin tad-9 ta' Mejju 2010.

L-oqfsa fiskali nazzjonali għandhom jirriflettu aħjar il-prijoritajiet tas-sorveljanza baġitarja tal-UE. L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jintegraw l-objettiv tat-Trattat ta' finanzi pubbliċi sodi fil-liġi nazzjonali tagħhom. Qafas fiskali nazzjonali hu s-sett ta' elementi li jifformaw il-bażi ta' governanza fiskali nazzjonali, jiġifieri t-twaqqif ta' politika istituzzjonali speċifika għall-pajjiż li tifforma t-tfassil ta' politika fiskali fil-livell nazzjonali. Sabiex tingħata tifsira konkreta lill-kumplimentarjetà bejn l-oqfsa fiskali tal-UE u dawk nazzjonali, l-obbligu fil-Protokoll Nru 12 tat-TFUE għall-Istati Membri biex ikollhom proċeduri baġitarji stabbiliti li jiżguraw il-konformità mal-obbligi tat-Trattat tagħhom dwar id-dixxiplina baġitarja, jista' jiġi speċifikat permezz ta' strumenti legali li jorbtu. Strumenti bħal dawn ikunu jeħtieġu, pereżempju, oqfsa nazzjonali biex jirriflettu proċeduri baġitarji multiannwali, biex jiżguraw il-kisba tal-Objettivi baġitarji fuq Medda Medja taż-żmien.

Il-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv (PDE) tifforma l-qofol tal-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Iżda, id-dimensjoni korrettiva misjuba fil-PŻE tiġi applikata tard wisq biex tipprovdi l-inċentivi t-tajbin għall-Istati Membri biex jittrattaw l-iżbilanċi fiskali li qed jitfaċċaw. Il-funzjonament tal-PŻE jista' jitjieb billi jitħaffu l-proċeduri, b'mod partikolari fir-rigward ta' Stati Membri bi ksur ripetut tal-Patt. Dan ikun jeħtieġ bidliet fil-leġiżlazzjoni sekondarja.

Għandha tingħata aktar prominenza lid-dejn pubbliku u lis-sostenibbiltà. Okkażjonijiet reċenti enfasizzaw mhux biss il-vulnerabbiltà tal-Istati Membri li għandhom dejn pubbliku kbir ħafna, iżda wkoll ir-riperkussjonijiet transkonfinali potenzjalment negattivi. Dejn għoli jaffettwa l-prospetti ta' tkabbir fuq medda medja u twila ta' żmien u jċaħħad lill-gvernijiet mill-kapaċità li jipproċedu b'politika kontraċiklika kredibbli meta din tkun meħtieġa l-aktar. Dan japplika partikolarment fir-rigward tat-theddid dejjem jiżdied għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, inklużi dawk li ġejjin minn pakketti ta' salvataġġ bankarju reċenti kif ukoll minn popolazzjonijiet li qed jikbru fl-età.

Il-kriterju tad-dejn tal-proċedura dwar żbilanċ eċċessiv għandu jiġi implimentat b'mod effettiv. Il-PŻE għandha tikkunsidra aħjar l-interazzjoni bejn id-dejn u d-defiċit biex ittejjeb l-inċentivi għal politika prudenti. L-Istati Membri bi proporzjonijiet ta' dejn li jaqbżu s-60 % għandhom isiru soġġetti għall-PŻE jekk it-tnaqqis tad-dejn f'perjodu preċedenti speċifikat ikun inqas mil-livell ta' referenza xieraq. Speċifikament, il-Kummissjoni u l-Kunsill jeħtieġu jevalwaw jekk id-defiċit tal-baġit hux konsistenti ma' tnaqqis kontinwu u sostanzjali fid-dejn pubbliku. Riskji fiskali li ġejjin minn responsabbiltajiet espliċiti u impliċiti għandhom jiġu kkunsidrati bħala fattur rilevanti. B'mod simetriku, it-tħassir tal-PŻE għal Stati Membri b'dejn li jaqbeż is-60 % tal-limitu tal-PGD għandu jkun ikkundizzjonat fuq valutazzjoni tal-iżviluppi u r-riskji previsti tad-dejn. Dan l-approċċ hu konsistenti b'mod sħiħ mal-Artikolu 126 tat-TFUE u jeħtieġ ftit tibdil fil-leġiżlazzjoni sekondarja.

Biex tkun żgurata konformità aħjar mar-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, għandha tingħata aktar attenzjoni lill-użu tal-baġit tal-UE. Bħalissa, is-sospensjoni tal-fond ta' Koeżjoni, li minnu għadd limitat biss ta' Stati Membri huwa eliġibbli, tiġi kkunsidrata biss fi stadju tard tal-PŻE (Artikolu 126(8) tat-TFUE).

Għandu jiġi kkunsidrat użu aktar wiesa' u f'waqtu tal-infiq tal-baġit tal-UE bħala inċentiv għall-konformità meta jitħejjew id-deċiżjonijiet dwar il-Qafas Finanzjarju li jmiss. Il-mira għandha tkun li jiġu stabbiliti inċentivi xierqa, f'waqthom u effettivi għall-konformità mar-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-kundizzjonalità tista' titjieb u l-Istati Membri jistgħu jintalbu jagħtu direzzjoni ġdida lill-fondi biex titjieb il-kwalità tal-finanzi pubbliċi, ladarba tkun ġiet stabbilita l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv (skont l-Artikolu 126(6) tat-TFUE).

Il-politika ta' Koeżjoni għandu jkollha rwol aktar ċar fl-appoġġ tal-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jindirizzaw dgħufijiet strutturali u sfidi għall-kompetittività. Il-5 Rapport ta' Koeżjoni li ġej se jippreżenta proposti f'dan ir-rigward, partikolarment bl-għan li jsaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali u l-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet pubbliċi.

Matul il-Qafas Finanzjarju kurrenti, applikazzjoni aktar rigoruża u bbażata fuq ir-regoli tal-klawsola ta' suspensjoni eżistenti għal impenji tal-Fond ta' Koeżjoni, għandha tiġi segwita f'każ ta' ksur rikorrenti tal-Patt.

Titjib tal-funzjonament ta' mekkaniżmi eżistenti skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir

- Żieda fl-effettività tal-valutazzjonijiet ta' Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza permezz ta' koordinazzjoni *ex-ante* aħjar.
- L-oqfsa fiskali nazzjonali għandhom jirriflettu aħjar il-prijoritajiet tas-sorveljanza baġitarja tal-UE

Indirizzar ta' dejn pubbliku għoli u l-ħarsien ta' sostenibbiltà fiskali fuq medda twila ta' żmien

- Tingħata prominenza ġdida lill-kriterju tad-dejn tat-Trattat
- Tiġi kkunsidrata aħjar l-interazzjoni bejn id-dejn u d-defiċit

Inċentivi aħjar u sanzjonijiet biex ikun hemm konformità mar-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir

- Depożiti bl-imgħax f'każ ta' politika fiskali inadegwata
- Użu aktar rigoruż u kundizzjonali tal-infiq tal-UE biex tkun żgurata konformità aħjar mar-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir
- Ksur rikorrenti tal-Patt se jkun soġġett għal trattament aktar mgħaġġel u użu aktar rigoruż tar-Regolament tal-Fond ta' Koeżjoni

III.2. Lejn sorveljanza aktar wiesgħa ta' żviluppi kompetittivi u makroekonomiċi fiż-żona tal-euro

L-istrateġija komprensiva Ewropa 2020 tal-UE għat-tkabbir u l-impjiegi titfa' l-attenzjoni fuq żbilanċi strutturali u makrofinanzjarji. Ewropa 2020 tistipula strateġija ambizzjuża u komprensiva lejn tkabbir sostenibbli u inklużiv intelliġenti għall-ekonomija tal-UE. Fl-isfond tal-kriżi, din tistipula ffukar ġdid fuq l-indirizzar tad-dgħufijiet tal-Ewropa fis-sorveljanza ta' sfidi strutturali u makrofinanzjarji. Meta wieħed jikkunsidra l-interkonnessjonijiet ekonomiċi u finanzjarji fondi fiż-żona tal-euro u l-impatt tagħhom fuq il-munita unika, Ewropa 2020 issejjaħ għall-iżvilupp ta' qafas politiku speċifiku għaż-żona tal-euro biex jittratta żbilanċi makroekonomiċi aktar wesgħin[3]. Għaldaqstant, f'Marzu 2010, il-Kunsill Ewropew sejjaħ lill-Kummissjoni biex sa Ġunju 2010 tippreżenta proposti biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni fiż-żona tal-euro, billi jsir użu mill-istrumenti ġodda għal koordinazzjoni ekonomika offruti mill-Artikolu 136 tat-Trattat (TFUE).

L-akkumulazzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi kbar u persistenti fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro għandha l-potenzjal li ddgħajjef il-koeżjoni taż-żona tal-euro u tfixkel il-funzjonament tajjeb tal-UME. Biex tkun evitata l-okkorrenza ta' żbilanċi severi fiż-żona

[3] Il-Kummissjoni talbet ripetutament għal koordinazzjoni ekonomika usà u aktar fonda fiż-żona tal-euro fil-passat, inkluż fid-Dikjarazzjoni Annwali 2009 dwar iż-Żona tal-Euro u l-Komunikazzjoni 2008 dwar l-"EMU@10: suċċessi u sfidi wara 10 snin mill-Unjoni Ekonomika u Monetarja".

tal-euro, huwa għaldaqstant importanti li l-analiżi tidħol aktar fil-fond u s-sorveljanza ekonomika tespandi lil hinn mid-dimensjoni baġitarja biex tindirizza żbilanċi makroekonomiċi oħrajn, inklużi żviluppi fil-kompetittività u sfidi strutturali sottostanti. Huwa propost li r-reviżjoni esperta tal-iżbilanċi makroekonomiċi li bħalissa qed issir mill-grupp tal-Euro tiġi aġġornata f'qafas ta' sorveljanza strutturata għall-Istati Membri taż-żona tal-Euro permezz tal-użu tal-Artikolu 136 TFUE. Dan il-qafas se jimplika sorveljanza aktar fonda, koordinazzjoni ta' politika aktar impenjattiva u segwitu aktar b'saħħtu milli previst skont l-Ewropa 2020 għall-Istati Membri tal-UE kollha. Bħall-qafas fiskali tal-UE, li japplika wkoll għall-Istati Membri kollha tal-UE, regoli aktar stretti japplikaw għall-Istati Membri taż-żona tal-euro.

Is-sorveljanza se tinkludi tabella tal-punteġġi li se tindika l-ħtieġa għal azzjoni. It-tabella tal-punteġġi, li tirrifletti l-iżviluppi esterni kif ukoll interni, tkun definita u ssorveljata regolarment. Din tkopri sett rilevanti ta' indikaturi u tirrifletti, *inter alia*, żviluppi fil-kontijiet kurrenti, il-pożizzjonijiet netti tal-assi barranin, il-produttività, l-ispejjeż għal kull unità ta' xogħol, l-impjiegi, ir-rati tal-kambju reali effettivi, kif ukoll id-dejn pubbliku u l-kreditu u l-prezzijiet tal-assi tas-settur privat. Jidher partikolarment importanti li ż-żidiet qawwija fil-prezzijiet tal-assi u t-tkabbir eċċessiv ta' kreditu jkunu żvelati fi stadju bikri biex jiġu evitati korrezzjonijiet ta' żbilanċi fiskali u esterni li jiswew ħafna flus fi stadju aktar tard. Din l-analiżi tifforma l-bażi għall-formulazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet għal miżuri preventivi jew korrettivi fl-Istat(i) Membru(i) kkonċernat(i).

Fir-rigward taż-żona tal-euro, il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll l-iżviluppi u l-prospetti kollha ta' żbilanċi makroekonomiċi. Meta wieħed iħares lejn iż-żona tal-euro kollha kemm hi u fuq bażi ta' pajjiż pajjiż, il-Kummissjoni tivvaluta r-riskju tal-forom kollha possibbli ta' żbilanċi makroekonomiċi li jpoġġu f'riskju l-funzjonament tajjeb taż-żona tal-euro. F'każ bħal dan, il-Kummissjoni se tagħmel analiżi aktar fil-fond tar-riskju sottostanti tal-iżbilanċi li qed jitfaċċaw. Din l-analiżi se tkun il-bażi għal orjentazzjonijiet ta' politika. Il-Kunsill, bil-Membri taż-żona tal-ewro biss li jivvotaw, jistieden lill-Istat(i) Membru(i) kkonċernati biex jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jirrimedjaw din is-sitwazzjoni. Jekk l-Istat(i) Membru(i), fi żmien stipulat jonqos milli jieħu miżuri xierqa biex jikkoreġi l-iżbilanċ eċċessiv, il-Kunsill, bl-għan li jiżgura l-funzjonament xieraq tal-UME, jista' jżid is-sorveljanza għall-Istati Membri kkonċernati u jiddeċiedi, fuq proposta mill-Kummissjoni, li joħroġ rakkomandazzjonijiet preċiżi ta' politika ekonomika. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni se tuża l-possibbiltà tagħha biex toħroġ twissijiet bikrin direttament lil Stat Membru taż-żona tal-euro. Jekk ikun il-każ u jkun hemm il-bżonn, jistgħu wkoll jiġu indirizzati rakkomandazzjonijiet liż-żona tal-euro kollha.

Azzjonijiet preventivi u korrettivi huma potenzjalment meħtieġa f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika biex jinfluwenzaw b'mod effettiv l-iżbilanċi makroekonomiċi u l-kawżi strutturali sottostanti tagħhom. Bil-maqlu tal-korrezzjoni ta' defiċits eċċessivi, il-politika ekonomika jidher li għandha biss impatt kajman u indirett fuq l-iżvilupp ta' żbilanċi esterni. Għaldaqstant, skont l-isfidi speċifiċi tal-ekonomija kkonċernata, ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika jistgħu jindirizzaw kemm in-naħa tad-dħul u kif ukoll dik tal-infiq tal-politika fiskali (fil-kuntest tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir) billiI l-kriżi uriet li l-evoluzzjoni tal-kompożizzjoni tad-dħul tal-gvern hi wkoll indikatur ewlieni importanti ta' żbilanċi potenzjali. F'dan il-kuntest, ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jindirizzaw il-funzjonament tas-swieq tax-xogħol, tal-prodotti u tas-servizzi f'konformità mal-politika ekonomika wiesgħa u l-linji gwida tal-impjiegi. Dawn għandhom ikopru wkoll aspetti makroprudenzjali biex jevitaw jew jikkontrollaw tkabbir eċċessiv ta' kreditu jew żviluppi eżuberanti tal-prezzijiet tal-assi, f'konformità mal-analiżi futura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku.

It-tisħiħ u t-twessigħ tas-sorveljanza ta' żviluppi makroekonomiċi fiż-żona tal-euro.

- Bi tkomplija mal-Ewropa 2020, l-iżvilupp ta' qafas għal sorveljanza makroekonomika mtejba u usà għall-Istati Membri taż-żona tal-euro f'forma ta' regolament ibbażat fuq l-Artikolu 136 TFUE
- L-iżvilupp ta' tabella ta' punteġġi ta' indikaturi li jidentifikaw limiti ta' twissija għal żbilanċi severi
- Il-formolazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż
- Rikors għal atti formali tal-Kunsill, permezz tal-votazzjoni tal-Kunsill fil-konfigurazzjoni taż-żona tal-euro

III.3. Koordinazzjoni integrata tal-politika ekonomika għall-UE: "Semestru Ewropew"

Bl-għan li tinkiseb sorveljanza aktar integrata tal-politika ekonomika, ġie ssuġġerit skont l-inizjattiva Ewropa 2020 li tiġi sinkronizzata l-valutazzjoni tal-politika strutturali u fiskali tal-Istati Membri tal-UE. Ir-riżultat ta' sorveljanza makroekonomika usà għandu jkun rifless ukoll meta jkunu qed jiġu fformolati r-rakkomandazzjonijiet tal-politika fiskali skont il-PST. B'mod partikolari, it-tfaċċar ta' żbilanċi makroekonomiċi mdaqqsa jistgħu jirrikjedu miri baġitarji aktar ambizzjużi. Bl-istess mod, meta tivvaluta r-riskju ta' żbilanċi severi u tiddeċiedi dwar ir-reazzjoni politika xierqa, il-Kummissjoni tikkunsidra l-parteċipazzjoni rilevanti tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku. Twissijiet u rakkomandazzjonijiet mill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku indirizzati lil Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri jkunu kkunsidrati bħala kwistjoni ta' tħassib komuni, meta tiġi applikata pressjoni mill-pari xierqa għal azzjoni ta' rimedju. Is-sinerġiji u l-konsistenza bejn faxex differenti ta' sorveljanza ekonomika għandhom ikunu ffaċilitati permezz ta' ċiklu ta' sorveljanza integrat fil-qafas ta' Semestru Ewropew.

Il-prevenzjoni hi effettiva aktar mill-korrezzjoni. Iċ-ċiklu kurrenti ta' sorveljanza ekonomika jikkonsisti l-aktar f'valutazzjoni *ex-post* ta' kemm hi xierqa l-politika ekonomika mar-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) u l-linji gwida wesgħin tal-politika ekonomika. Id-dimensjoni *ex-ante* ta' sorveljanza baġitara u ekonomika li bħalissa hi nieqsa tkun tippermetti l-formulazzjoni ta' gwida ġenwina, filwaqt li tiġi kkunsidrata d-dimensjoni Ewropea, u t-tisrif sussegwenti tagħha ft-tfassil ta' politika domestika. Il-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż aktar f'waqthom tibbenefika l-aspetti kollha ta' sorveljanza – dik fiskali, makrofinanzjarja u strutturali.

Sistema ta' reviżjoni esperta bikrija tal-baġits nazzjonali tiżvela l-inkonsistenzi u l-iżbilanċi li qed jitfaċċaw. Biex tiġi żgurata dejta xierqa u preċiża, prerekwiżit ikun li jissaħħaħ il-mandat tal-Eurostat biex jivverifika statistiċi nazzjonali konformi mal-proposti reċenti tal-Kummissjoni. Huwa importanti li din il-proposta tidħol malajr fis-seħħ għaliex din se ttejjeb il-kwalità ta' rappurtar fuq il-finanzi pubbliċi. Kieku dan l-iżvilupp ta' żbilanċi fiskali jiġi ttrattat qabel, ikun jista' jiffaċilita t-treġġigħ lura tagħhom u jevita li jsiru ta' riskju serju għall-istabbiltà makroekonomika u s-sostenibbiltà fiskali. It-tressiq tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza għandu jsir fl-ewwel nofs tas-sena aktar milli lejn l-aħħar tas-sena kif inhu fil-prattika kurrenti. B'rispett sħiħ tal-prerogattivi tal-parlamenti nazzjonali, ir-reviżjoni esperta bikrija tipprovdi gwida għat-tħejjija tal-baġits nazzjonali fis-sena ta' wara.

Għaż-żona tal-euro għandha ssir valutazzjoni orizzontali tal-qagħda fiskali abbażi tal-Programmi nazzjonali ta' Stabbiltà u t-tbassir tal-Kummissjoni. Għandha tingħata konsiderazzjoni speċjali lill-qagħda aggregata fil-każijiet ta' tensjonijiet ekonomiċi serji fiż-

żona tal-euro, meta miżuri mdaqqsa ta' politika fiskali li ttieħdu minn Stati Membri individwali aktarx jipproduċu effetti pożittivi importanti. F'każ ta' inadegwatezzi ovvji fil-pjanijiet tal-baġit għas-sena ta' wara, tista' tiġi rrakkomandata reviżjoni tal-pjanijiet. Il-Grupp tal-Euro għandu jkollu rwol kruċjali f'din is-sistema l-ġdida ta' koordinazzjoni mtejba u, fejn xieraq, ikollu rikors għal teħid formali tad-deċiżjonijiet kif previst bit-Trattat ta' Lisbona.

Semestru Ewropew għandu jinkludi ċ-ċiklu ta' sorveljanza tal-politika baġitarja u strutturali. Dan jibda fil-bidu tas-sena b'reviżjoni orizzontali li taħtha l-Kunsill Ewropew, skont parteċipazzjoni analitika mill-Kummissjoni, jidentifika l-isfidi ekonomiċi ewlenin li qed tiffaċċja l-UE u ż-żona tal-euro u jagħti gwida strateġika dwar il-politika. L-Istati Membri jikkunsidraw il-konklużjonijiet ta' din id-diskussjoni orizzontali meta jkunu qed iħejju l-Programmi tagħhom ta' Stabbiltà u Konverġenza (PSK) u l-Programmi ta' Riforma Nazzjonali (PRN). Il-PSK u l-PRN jinħarġu simultanjament, u b'hekk l-impatt ta' tkabbir u dak fiskali tar-riformi jiġi rifless fl-istrateġiji u l-miri baġitarji. L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll, b'rispett sħiħ tar-regoli u l-proċeduri nazzjonali, biex jinvolvu l-parlamenti nazzjonali tagħhom f'dan il-proċess qabel ma jitressqu l-PSK u L-PRN għal sorveljanza multilaterali fil-livell tal-UE. Il-Kunsill, skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, jipprovdi sussegwentement il-valutazzjoni u l-gwida tiegħu fi żmien meta d-deċiżjonijiet baġitarji importanti ikunu għadhom f'fażi preparatorja fil-livell nazzjonali. F'dan il-kuntest, il-Parlament Ewropew għandu jkun involut b'mod xieraq.

A. "Semestru Ewropew" għal koordinazzjoni ex-ante integrata aħjar tal-politika fiskali

- Allinjament tat-tressiq u d-diskussjonijiet tal-PSK u l-PRN biex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni ekonomika ġenerali u ttejjeb is-sinkronizzazzjoni maċ-ċikli baġitarji nazzjonali
- Assigurar ta' parir politiku effettiv u fil-ħin mill-Kunsill Ewropew u l-Kunsill skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

→Sorveljanza integrata aktar effettiva, sabiex il-benefiċċji kollha tar-reviżjoni esperta jistgħu jitgawdew

III.4. Lejn qafas robust għal ġestjoni tal-kriżijiet għall-Istati Membri taż-żona tal-euro

L-analiżi tal-kriżi Griega wriet li jinħtieġ qafas robust għall-ġestjoni tal-kriżijiet għall-Istati Membri taż-żona tal-euro.

Fil-fatt, it-taqlib finanzjarju fi Stat Membru wieħed jista' jpoġġi f'riskju l-istabbiltà makrofinanzjarja taż-żona tal-euro kollha. Il-kriżi wriet li qafas robust għall-ġestjoni tal-kriżijiet jikkumplimenta kif meħtieġ lill-istrumenti ta' sorveljanza, il-prevenzjoni u l-aġġustament diskussi hawn fuq. L-għajnuna tal-UE fil-bilanċ ta' pagamenti pprovdiet appoġġ kruċjali lil Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro fit-taqlib finanzjarju. L-inċertezza marbuta mad-disponibbiltà u l-modalitajiet ta' għajnuna finanzjarja lill-Greċja aggravat il-kontaġju lil Stati Membri oħrajn u poġġiet fir-riskju l-istabbiltà finanzjarja ġenerali fiż-żona tal-euro.

Sett ta' proċeduri ċari u kredibbli għad-dispożizzjoni ta' appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri taż-żona tal-euro f'taqlib finanzjarju serju huwa meħtieġ biex jippreserva l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro fil-medda medja u twila ta' żmien.

Qafas għal għajnuna finanzjarja kkundizzjonata mfassla tajjeb għandu jsaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro filwaqt li jevita l-periklu morali. Fil-qalba ta' dan

il-mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni tal-kriżijiet taż-żona tal-euro hemm kundizzjonalità stretta u rati tal-imgħax li joħolqu inċentivi biex wieħed imur lura lejn finanzjament ibbażat fuq is-suq filwaqt li tkun żgurata l-effettività tal-appoġġ finanzjarju. Meta l-prevenzjoni tal-kriżijiet ma taħdimx, u dan ikun evidenti minn ħtieġa finanzjarja oġġettiva, l-għajnuna tiġi attivata bħala l-aħħar tentattiv, biex tissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro kollha. Din tkun akkumpanjata bi programm impenjattiv u dettaljat ta' kundizzjonalità politika li tiżgura li l-perjodu tal-għajnuna jintuża biex jimplimenta l-aġġustamenti xierqa (fiskali u strutturali) biex jiżguraw is-solvenza aktar 'il quddiem u b'hekk jiffaċilitaw ir-ritorn l-aktar mgħaġġel possibbli lejn finanzjament ibbażat fuq is-suq.

L-għajnuna finanzjarja għandha tkun ipprovduta f'forma ta' self. Is-self lil Stat Membru taż-żona tal-euro – għall-kuntrarju ta' meta wieħed jassumi d-dejn tiegħu – ma jikkontradixxix l-Artikolu 125 TFUE. Il-programm ta' politika u l-kundizzjonalità għandhom ikunu stabbiliti fl-Artikolu 136 TFUE. L-esperjenza bl-għajnuna tal-bilanċ ta' pagamenti tal-UE għal Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro wriet li qafas uniku, bl-UE li toħroġ self ta' emerġenza ta' finanzjament tad-dejn, jipprovdi taħlita tajba ta' effiċjenza relattiva tal-ġestjoni u sorveljanza politika mill-Kunsill.

Il-kundizzjonalità tal-politika għandha l-ewwel timmira li tittratta l-iżbilanċi sottostanti fl-Istat Membru affettwat biex tiżgura funzjonament mingħajr xkiel tal-UME. Il-kundizzjonalità tipikament tkun tinvolvi taħlita xierqa ta' konsolidazzjoni fiskali u t-tisħiħ tal-governanza fiskali inkluża l-politika tat-taxxi; stabbilizzazzjoni tas-settur finanzjarju sal-punt li t-taqlib tas-settur finanzjarju jkun il-kaġun tal-problemi tal-finanzi pubbliċi; u interventi ta' politika usà biex tiġi stabbilita mill-ġdid l-istabbiltà makroekonomika u l-vijabbiltà esterna. Lil hinn mid-dimensjoni baġitarja għandhom jiġu indirizzati bi prijorità l-iżbilanċi makroekonomiċi, inklużi l-iżviluppi tal-kompetittività u l-isfidi strutturali sottostanti. Dan se jimplika sorveljanza aktar mill-qrib, koordinazzjoni ta' politika aktar impenjattiva u segwitu aktar b'saħħtu biex jiżguraw li riformi strutturali neċessarji jkunu implimentati b'mod mgħaġġel.

Fid-9 ta' Mejju, skont il-proposta tal-Kummissjoni, l-ECOFIN iddeċieda dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu temporanju Ewropew ta' stabbilizzazzjoni biex jittratta l-ħtiġijiet immedjati tal-kriżi. Dan kien parti minn pakkett usà, inklużi impenji b'saħħithom għall-konsolidazzjoni fiskali fejn iġġustifikata u l-involviment tal-IMF permezz tal-faċiltajiet tiegħu tas-soltu f'konformità mal-programmi reċenti Ewropej.

Dan il-mekkaniżmu nħoloq biex iwieġeb għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kurrenti u jinvolvi appoġġ finanzjarju ġenerali sa' EUR 500 biljun. L-għajnuna finanzjarja se tkun soġġetta għal kundizzjonalità b'saħħitha, fil-kuntest ta' appoġġ konġunt tal-UE/IMF, u se jkollha termini u kundizzjonijiet simili għall-IMF. Dan il-mekkaniżmu se jkun iffinanzjat permezz ta' żewġ sorsi kumplimentari. L-ewwel, billi jibni fuq ir-Regolament tal-Kunsill skont l-Artikolu 122(2), jista' jimmobilizza sa EUR 60 biljun. Barra minn hekk, l-Istati Membri taż-żona tal-euro jinsabu lesti, permezz ta' ftehim intergovermentali biex jikkumplimentaw dawn ir-riżorsi permezz ta' entità *ad hoc* (Special Purpose Vehicle- SPV). Din l-SPV tissellef billi tuża garanziji finanzjarji tal-Istati membri parteċipanti sa EUR 440 biljun.

Dan il-mekkaniżmu jirrispetta fil-biċċa l-kbira l-prinċipji bażiċi għal mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni tal-kriżijiet robust u permanenti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-ewwel prijorità issa trid tkun li tagħmel dan il-mekkaniżmu jaħdem b'mod sħiħ. Skont din l-

esperjenza, il-Kummissjoni biħsiebha, fil-medda medja għal dik twila ta' żmien, tagħmel proposta għal mekkaniżmu permanenti ta' riżoluzzjoni tal-kriżijiet .

IV. IL-PASSI LI JMISS

Il-Kummissjoni se tiżviluppa l-proposti ta' riforma ppreżentati f'din il-Komunikazzjoni, f'konformità mar-responsabbiltajiet tagħha skont it-Trattat. Hi tqis bħala importanti li tagħmel progress mgħaġġel fl-aġenda ta' riforma stabbilita f'din il-Kominikazzjoni: is-sitwazzjoni ekonomika preżenti teħtieġ azzjoni urġenti biex timplimenta l-miżuri proposti għat-titjib tal-governanza ekonomika tal-UE u ż-żona tal-euro. L-ewwel Semestru Ewropew għandu jibda mal-bidu tal-2011.

Il-Kummissjoni tinsab lesta biex issegwi b'mod mgħaġġel bil-proposti leġiżlattivi, inklużi l-emendi tar-regolamenti li jsostnu l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, biex ittejjeb il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' nuqqas ta' bilanċi makroekonomiċi fiż-żona tal-euro, u biex tistabbilixxi qafas aktar permenenti għal ġestjoni tal-kriżijiet.